

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Jannar 2008

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnaħa waħda, u r-Repubblika tal-Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungaria, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2008/144/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnaħa waħda, u r-Repubblika tal-Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungaria, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.
- (2) Ġie ffirmat f'Beijing, fil-5 ta' Settembru 2005, Protokoll li jemenda l-Ftehim sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungaria, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.
- (3) Skond l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jaċċedu għall-Ftehim permezz ta' protokoll bejn il-Kunsill u r-Repubblika tal-Popolari taċ-Ċina.

(4) Il-proċeduri kostituzzjonali u istituzzjonali meħtieġa tlestell u għaldaqstant il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnaħa waħda, u r-Repubblika tal-Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungaria, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll ⁽²⁾ huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-President tal-Kunsill, fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3 tal-Protokoll.

Magħmulu fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

D. RUPEL

Il-President

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fil-5 ta' Lulju 2005 (ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 53).

⁽²⁾ Ara paġna 38 ta' dan il-Ġurnal Ufficijali.